MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Appell Kriminali Numru. 227/2013

Il-Pulizija

vs

**Abd El Rahim Mohammed**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotta kontra l-appellant Abd El Rahim Mohammed quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-28 ta' Gunju, 2012 ghal habta tal-11.27 p.m. gewwa Blk C, Triq Ghajn Kajjet, Rabat, Malta huwa:

1. Volontarjament kiser il-buon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat , storbju u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Insulenta, ingurja jew hedded bi kliem lil Romina Cassar bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti jew ghamel gesti oxxeni jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-kodici offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubbiika bi ksur tal-artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Vvolontarjament hassar , ghamel hsara.jew gharraq il-bieb ta' barra ta' l-appartamenti numru 16 ghad-dannu ta' Romina Cassar liema hsara ma taccedix 116.47 il-euro bi ksur tal-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija apparti milli tapplika l-piena stabbilita skont il-ligi tapplika l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-harsien ta' Romina Cassar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Ottubru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 325 (1)(c), 338(bb) (dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi u ikkundannatu multa ta' mija u ghoxrin euro (€120) u inoltre ordnatu sabiex taht penali ta' mitejn u tlett mitt Ewro (€300) ma jkellimx, ma jingurjax u ma jheddidx lil Romina Cassar ghal perjodu ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appellant Abd El Rahim Mohammed tal-25 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tanulla s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-fatti u kif ukoll tad-dritt.
2. Illi l-kwerelanti hija mqabbda mal-kwerelant u l-istess komportament il-Qorti kellha wkoll tidducidi dwar l-kredibilita' o meno tal-istess kwerelanti.
3. Salv aggravji ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem

iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;

Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;

Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;

kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti jirrizultaw zewg xenarji kompletament differenti.

Illi min-naha ta' Romina Cassar, il-parte leza, jirrizulta li fit-28 ta' Gunju, 2012 kienet fl-appartament taghha. L-appellant, akkuzat, kien diehel fil-blokk ta' appartamenti fejn dak iz-zmien kien joqghod ma martu u ibnu. Hu kien joqghod fit-tielet sular. Romina Cassar kienet joqghod fir-raba' sular. Iz-zewg appartamenti kien fuq xulxin. Skont il-versjoni ta' Romina Cassar, iben l-appellant beda joffendiha waqt li kienu barra u kif dahlu fil-blokk l-appellant baqa' tiela fir-raba' sular u hemmhekk fost hafna ghajjat u storbju kisser il-bieb ta' l-appartament ta' Romina Cassar. Din il-vesjoni hi korroborata minn WPC236 Azzopardi li rceviet telefonata minghand Romina Cassar u waqt din it-telefonata semghet lill-appellant joffendi lil Romina Cassar minn fuq it-telefon.

Illi min-naha tieghu l-appellant cahad li hu kien ghamel l-istorbju jew ghajjar lil Romina Cassar. Minflok hu xehed li kienet Romina Cassar li harget fuq il-'landing' tas-sular taghha u qabdet tghajjar lilu. Hu cahad ukoll li ghamel xi hsara lill-bieb ta' l-appartament ta' Romina Cassar.

Illi l-ewwel Qorti sabet li l-versjoni ta' Romina Cassar kienet wahda aktar kredibbli u ghalhekk kienet ikkundannat lill-appellant ghal hlas ta' multa ta' mija u ghoxrin euro (€120) u rabtitu taht garanzija li ma jkellimnx, jimmolesta, jigurja jew ihedded lil Romina Cassar ghal zmien sena taht penali ta' tlett mitt euro (€300).

Illi din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Abd El Rahim Mohammed u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------